MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 50/2009

**Ronald Azzopardi u Mariella Azzopardi**

**Vs**

**Francis u Victoria konjugi Bonello**

(A) **Talbiet skond ir-rikors guramentat prezentat fil-11 ta' Gunju 2009.**

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jikkontestaw il-validita' ta' zewg skritturi li gew iffirmati fit-2 ta' Lulju 2004 u li bihom:-

(a) Il-konjugi Azzopardi kienu kkostitwew ruhhom debituri tal-konjugi Bonello ghas-somma ta' mitejn u ghoxrin elf lira Maltija (Lm220,000) *"ammont lilu imsellef brevi manu mill-kreditu matul perijodu ta' zmien sal-gurnata ta' llum, u jintrabat illi jhallas lura dan l-ammont."*.

Fuq dan il-ftehm Ronald Azzopardi deher ukoll f'isem martu.

(b) Ronald Azzopardi kkostitwixxa ruhu debitur ta' Francis Bonello ghas-somma ta' hamsa u sittin elf lira Maltija (Lm65,000), li kellha tithallas fi zmien sena.

Skritturi li gew iffirmati wara li l-konvenuti kienu talbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' sekwestru ghas-somma ta' mitejn u hamsa u tmenin elf lira Maltija (Lm285,000) [numru 121/2004 prezentat fis-26 ta' Gunju 2004], u wara li fit-30 ta' Gunju 2004 gie prezentat rikors minn Ronald Azzopari f'ismu personali u f'isem kumpanniji (li fihom ghandu l-kariga ta' direttur) ghar-revoka tal-mandat. Fir-rikors allega li l-konjugi Bonello ma kienu taw l-ebda rendikont tal-ammont li kien dovut u li fl-ammont li kien qieghed jitlob kien hemm l-uzura. Wara li l-qorti appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghas-seduta tat-2 ta' Lulju 2004 u xehedu Ronald Azzopardi u Francis Bonello, il-qorti pposponiet is-smiegh sabiex jinghata digriet. Dakinhar stess wara s-seduta Ronald Azzopardi u Francis Bonello assistiti mid-difensuri ta' fiducja taghhom, waslu ghal ftehim bonarju u ffirmaw l-iskritturi meritu ta' din il-kawza.

Wara li l-atturi taw iktar dettalji dwar il-fatti kif maghrufa lilhom u li wasslu ghal din il-kawza, l-atturi talbu li l-qorti:-

1. Tiddikjara illi z-zewg skritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004, jew liema minnhom, saru bl-eghmil doluz u/jew bil-vjolenza tal-konvenuti konjugi Bonello u dan a tenur ta' Artikolu 1730 (2) tal-Kodici Civili.

2. Konsegwentement tordna r-rexissjoni tal-iskritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004, jew ta' liema minnhom, u dan tenur ta' Artikolu 1730 (2) tal-Kodici Civili.

3. Subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, tiddikjara illi l-iskritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004, jew liema minnhom, ma sarux biss fuq l-oggett tal-kwistjoni li fuqha l-partijiet kontendenti kellhom il-hsieb li jittransigu, ossija unikament fuq is-self li kien sar mill-konvenuti lill-atturi.

4. Konsegwentement tordna r-rexissjoni ta' z-zewg skritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004, jew ta' liema minnhom, u dan a tenur ta' Artikoli 1725 u/jew 1730 (1) tal-Kodici Civili.

5. Subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suepost, tiddikjara illi z-zewg skritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004, jew liema minnhom, huma kolpiti bi zball dwar il-persuna li maghha sar il-ftehim, billi ma huwiex minnu illi l-attrici tat il-kunsens taghha jew awtorizzat lill-attur l-iehor sabiex jaghti l-kunsens fuq l-iskritturi ta' transazzjoni.

6. Konsegwentement tordna r-rexissjoni taz-zewg skritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004, jew ta' liema minnhom, u dan a tenur ta' Artikolu 1730 (1) tal-Kodici Civili.

7. Subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, tiddikjara illi l-iskritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004, jew liema minnhom, saru wkoll fuq pretensjonijiet tal-konvenuti konjugi Bonello illi huma foloz u li ma kellhom ebda jedd fuqhom fil-konfront tal-atturi.

8. Konsegwentement tordna u tiddikjara illi l-iskritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004, jew liema minnhom, huma nulli u bla ebda effett bejn il-partijiet kontendenti.

9. Subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost u f'kaz biss illi t-talbiet precedenti ma jigux milqugha minn dina l-Onorabbli Qorti, tillikwida dak l-ammont realment dovut mill-attur lill-konvenuti konjugi Bonello u dan wara li jsiru d-debiti tiswijiet ta' l-izbalji li saru fil-kalkolu li twassal ghall-ammont iddikjarat fl-istess imsemmija skritturi ta' transazzjoni tat-2 ta' Lulju 2004, jew liema minnhom, u dan a tenur ta' Artikolu 1735 tal-Kodici Civili.

(B) **L-ewwel tmien eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol. 16).**

F’dan l-istadju tressqu provi u saret trattazzjoni dwar l-ewwel tmien eccezjonijiet tal-konjugi Bonello li jaqraw.-

1. Preliminarjament illi trattandosi ta’ azzjoni kollettiva il-kawza attrici hi nulla u ineffettiva in kwantu li hemm talbiet li evidentement jghoddu ghal uhud biss mill-atturi u mhux ghal kollha izda li fil-konfront taghhom l-atturi ma ddikjarawx l-interess rispettiv taghhom.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost li l-azzjoni hija preskritta bid-dekors tal-perijodu ta’ sentejn (perjodu ta’ dekadenza) a tenur tal-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili.

3. Rigward it-tielet u r-raba’ talba attrici l-iskritturi tat-2 ta’ Lulju 2004 kienu jikkostitwixxu transazzjoni generali skond l-Artikolu 1734(1) u dan jinsab konfermat mill-attur Ronald Azzopardi stess li fix-xhieda tieghu tal-14 ta’ Mejju 2007 fil-kawza numru 73/2005 fl-ismijiet **Ronald Azzopardi vs Francis Bonello et** bhalissa pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell kien ikkonferma illi t-transazzjoni kienet tirrigwarda dak kollu kopert bil-mandat ta’ sekwestru 181/2004 fl-ismijiet **Francis Bonello et vs Ronald Azzopardi et** u illi hu kellu jaghti lil Francis Bonello s-somma ta’ Lm285,000 u ghaldaqstant it-transazzjoni ma hijiex impunjabbli bil-kawzali kif premessi f’din il-kawza.

4. B’mod partikolari l-hames talba attrici hija ukoll preskritta stante illi l-attrici Mariella Azzopardi ma agixxietx fit-terminu stabbilit biex tannulla l-iskritturi tat-2 ta’ Lulju 2004 u in partikolari l-eccipjenti jissollevaw il-preskrizzjoni ta’ tlett xhur min-notifika b’att gudizzarju a tenur tal-Artikolu 1326 tal-Kodici Civili.

5. Inoltre, b’referenza ghall-hames talba attrici, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nuqqas ta’ interess ta’ Mariella Azzopardi billi dan se mai kellha biss azzjoni ghar-reintegrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti (liema jedd ta’ azzjoni tilfet meta tacitament irratifikat l-att ta’ zewgha billi jirrizulta li giet debitament notifikata bic-

citazzjoni 73/2005 fl-ismijiet Ronald Azzopardi vs Francis Bonello et hawn fuq citata) u fi kwalsiasi kaz il-kwistjoni tal-kunsens ta’ Mariella Azzopardi hija *res inter alios acta* ghall-eccipjenti u ma tistax titqajjem fl-azzjoni odjerna stante illi Ronald Azzopardi huwa attur u mhux konvenut. B’hekk l-attrici Mariella Azzopardi m’ghandhiex interess fil-hames talba taghha fil-kawza odjerna.

6. Is-sitt talba attrici ghandha tigi michuda ghar-ragunijiet premessi kif ukoll bhala konsegwenza tan-nuqqas ta’ interess ta’ Mariella Azzopardi.

7. Fir-rigward tas-seba’ u t-tmien talba attrici l-eccipjenti jissollevaw il-*lis alibi pendens* stante illi dan il-mertu diga’ jinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Ronald Azzopardi vs Francis Bonello**, Victoria mart Francis Bonello u ghal kull interess illi jista’ jkollha Mariella Azzopardi, referenza numru 73/2005 fejn ukoll qieghda tintalab dikjarazzjoni ta’ nullita’ tal-istess skritturi tat-2 ta’ Lulju 2004; is-seba’ u t-tmien talba attrici ghalhekk ma jistghux jigu decizi qabel tinqata’ definittavement il-kawza sovracitata referenza numru 73/2005 bhalissa pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Ghaldaqstant l-azzjoni tikkostitwixxi ukoll abbuz tal-ligi procedurali.

8. Inoltre d-disa’ talba attrici ma tista qatt tigi akkolta stante illi fejn tezisti transazzjoni l-kwistjoni tkun determinata u tali transazzjoni tigi rispettata minn dawn il-Qrati billi ghandha l-effett ta’ *res judicata*; kwindi a tenur tal-Artikolu 1729(1) tal-Kodici Civili ma tistax tintalab likwidazzjoni ta’ ammont diga’ stabbilit fi skrittura ta’ transazzjoni u li tikkonstitwixxi gudikat bejn il-partijiet.

(D) **<u>Fatti.</u>**

L-atturi qeghdin jimpunjaw il-validita tal-iskritturi li gew iffirmati fit-2 ta’ Lulju 2004 ghal dawn ir-ragunijiet:-

(a) L-iskritturi saru bl-eghmil doluz u/jew bi vjolenza tal-konjugi Bonello skond l-Artikolu 1730(2) tal-Kodici

Civili. Ghalhekk qeghdin jitolbu r-rexxissjoni tal-iskritturi skond l-istess provvediment.
(b) Subordinatament ma sarux fuq l-oggett tal-kwistjoni li fuqha l-partijiet kellhom il-hsieb li jittransigu, cjoe biss fuq is-self li kien sar mill-konjugi Bonello lil Azzopardi. Ghalhekk qeghdin jitolbu r-rexxissjoni tal-iskritturi skond l-Artikolu 1725 u/jew 1730(1) tal-Kodici Civili.

(c) Subordinatament l-iskritturi huma milquta bi zball dwar il-persuna, in kwantu m'huwiex minnu li l-attrici tat il-kunsens taghha jew awtorizzat lil Ronald Azzopardi sabiex jaghti l-kunsens tieghu fuq l-istess skritturi ta' transazzjoni. Ghalhekk tordna r-rexxissjoni skond l-Artikolu 1730(1) tal-Kodici Civili.

(d) Subordinatament l-iskritturi saru fuq pretensjonijiet li huma foloz u li fuqhom Bonello ma kellhom l-ebda jedd kontra Azzopardi. Ghalhekk qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li l-iskritturi huma nulli.

(e) F'kaz li ebda wahda minn dawn it-talbiet ma tigi milqugha, qeghdin jitolbu li l-qorti tillikwida l-ammont li hu realment dovut wara li jsiru d-debiti tiswijiet ta' zbalji li saru fil-kalkolu li wassal ghall-ammont iddikjarat fl-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2004, jew liema minnhom, u dan skond l-Artikolu 1735 tal-Kodici Civili.

Skritturi li kienu l-meritu ta' kawza fl-ismijiet **Ronald Azzopardi vs Francis Bonello et** (Citaz. numru: 73/2005AE) prezentata fis-16 ta' Awwissu 2005 u deciza fit-3 ta' Marzu 2009. F'dik il-kawza Ronald Azzopardi kien qieghed jimpunja l-validita tal-istess skritturi ghal dawn ir-ragunijiet:-

(a) Fir-rigward tal-iskrittura li tirreferi ghas-somma ta' Lm220,000, kawza illecita in kwantu saret bi ksur tal-provvedimenti tal-Att dwar Istituzzjoni Finanzjarja (Kap. 376) u li Bonello ghamel xoghol ta' istituzzjoni finanzjarja minghajr licenzja skond kif titlob l-istess ligi.

(b) Subordinatament tillikwida l-ammont li fl-iskrittura li tirreferi ghas-somma ta' Lm220,000 jirrifletti imghax fuq imghax u imghax b'rata iktar minn dik permissibbli mil-ligi.

(c) Li l-kunsens ta' Azzopardi fir-rigward tal-iskrittura ghas-somma ta' Lm65,000 kien milqut bi vjolenza, fi kwalunkwe kaz l-ammont li jissemma qatt ma gie moghti, u ma hemm l-ebda kawzali.

Martu, Mariella Azzopardi, kienet giet imharrka bhala konvenuta u dehret fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2007 u xehedet. Dakinhar kienet tat ruhha notifikata bic-citazzjoni u dokumenti, li kienu jinkludu l-iskritturi meritu ta' din il-kawza, u l-qorti furmata li kellha dritt li tiddefendi ruhha billi tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin (20) gurnata minn dakinhar. Waqt dik is-seduta wara li kienet tat id-deposizzjoni ghazlet li titlaq barra mill-Awla u giet infurmata li s-seduta li jmiss kienet ser issir fit-8 ta' Jannar 2008. Pero' qatt ma regghet attendiet ghal seduta ohra u ma pprezentatx nota tal-eccezzjonijiet.

B'sentenza li nghatat fit-3 ta' Marzu 2009, il-qorti cahdet it-talbiet kollha ta' Azzopardi in kwantu kienu jirreferu ghall-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu ghas-somma ta' Lm220,000, filwaqt li ddikjarat li s-somma ta' Lm65,000 (€151,409.27) m'hijiex dovuta[1].

Illum il-gurnata l-kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Kien biss Ronald Azzopardi li appella, u l-appell hu limitat ghal dik il-parti tas-sentenza li tittratta dwar l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu ghas-somma ta' Lm220,000. Sabiex il-qorti jkollha kwadru komplet rat ukoll ir-rikors tal-appell li pprezenta Ronald Azzopardi fit-23 ta' Marzu 2009 u r-risposta li pprezentaw il-konjugi Bonello fit-23 ta' April 2009. Jirrizulta li llum il-procedura bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Appell giet maghluqa. Min-naha ta':-

(a) **Ronald Azzopardi** ddikjara li: *"L-esponenti **mhux qed jappella** minn dawk il-partijiet tas-sentenza*

---

[1] Ghar-ragunijiet li wasslu lill-qorti sabiex tiddikjara li s-somma ta' Lm65,000 ma kenitx dovuta, ara paragrafu numru 6 tas-sentenza.

*fejn l-ewwel Onorabbli Qorti cahdet l-ewwel tlett talbiet tal-esponenti u laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Bonello. Lanqas ma l-esponenti mhu qed jappella minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Onorabbli Qorti cahdet ir-raba' eccezzjoni tal-konvenuti Bonello u laqghat s-sitt talba tal-esponenti u ddikjarat li s-somma ta' mija u wiehed u hamsin elf erbgha mija u disgha euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€151,409.27) li tissemma fid-dokument a fol. 10 m'hijiex dovuta lill-konvenuti konjugi Bonello."*[2]. Fil-fatt talab biss riforma tas-sentenza tat-3 ta' Marzu 2009.

(b) **Il-konjugi Bonello** ddikjaraw li: *"**Is-sentenza appellata hi sostanzjalment gusta** u timmerita konferma minn din l-Onorabbli Qorti tal-Appell."*.

(c) **Mariella Azzopardi** ma wegbitx ghalkemm giet notifikata bir-rikors tal-appell fil-25 ta' Marzu 2009.

Ghalhekk l-appell jirrigwarda biss ir-raba' u hames talba tac-citazzjoni, cjoe' l-kwistjoni jekk fis-somma ta' Lm220,000 saritx komputazzoni ta' imghax fuq imghax, u rata ta' imghax iktar minn dik permessa mil-ligi.

(E) **<u>Konsiderazzjonijiet dwar skrittura tat-2 ta' Lulju 2004 ghas-somma ta' Lm65,000.</u>**

M'hemmx dubju li fir-rigward tal-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2004 li permezz taghha Azzopardi ddikjara li hu debitur ta' Bonello fis-somma ta' Lm65,000 (€151,409.27), il-meritu hu ezawrit. Fis-sentenza li nghatat fit-3 ta' Marzu 2009 din il-qorti ddikjarat li dan il-hlas m'huwiex dovut mill-konjugi Azzopardi, u tat ir-ragunijiet ghalfejn. Jirrizulta li hadd mill-partijiet ma appella minn din il-parti tas-sentenza. Ifisser li dwar l-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2004 jezisti gudikat. Il-qorti ma tifhimx ghalfejn f'dawn ic-cirkostanzi l-atturi nkludew din l-iskrittura fit-talbiet taghhom. Fil-fatt wara l-verbal tas-seduta tal-25 ta' Mejju 2010 l-atturi pprezentaw nota fejn ikkonfermaw li m'ghandhomx interess li jimpunjaw il-validita' tal-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2004. Madankollu l-

[2] Ara pagna 4 tar-rikors tal-appell.

konjugi Azzopardi baqghu ma rrinunzjawx ghat-talbiet relatati ma' din l-iskrittura.

(F) **Konsiderazzjonijiet dwar skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu datata 2 ta' Lulju 2004 ghas-somma ta' Lm220,000.**

Ghal dak li jirrigwarda din l-iskrittura, fl-ewwel lok il-qorti tosserva li peress li l-kawza **Ronald Azzopardi vs Francis Bonello et** (Citaz. numru 73/2005) tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, m'hijiex f'posizzjoni li tikkunsidra x'konsegwenzi jista' jkollha s-sentenza tat-3 ta' Marzu 2009 fuq din il-kawza. M'hemmx dubju li permezz ta' din it-tieni kawza l-attur qieghed jipprova jottjeni dak li ma s'issa m'ottjenix bl-ewwel kawza, ghal ragunijiet ohra li ma ssemmewx fl-ewwel kawza. Madankollu f'dan l-istadju ser jigu kkunsidrati l-eccezzjonijiet preliminari.

Dwar din l-iskrittura jigi rilevat li:-

(a) Permezz tal-ewwel eccezzjoni l-konvenuti jsostnu li r-rikors guramentat hu null ghaliex bhala azzjoni kollettiva hemm talbiet li jghoddu ghal uhud mill-atturi u mhux ghal kollha u fil-konfront taghhom ma ddikjarawx l-interess rispettiv. Il-qorti ma tabqilx ma' din it-tezi. M'hemmx dubju li l-interess tal-atturi hu komuni, cjoe' li finalment ssehh ir-rexxissjoni tal-kuntratt u alternattivament li l-ammont jigi rivedut.

(b) F'din l-iskrittura Ronald Azzopardi kien iddikjara li qieghed jidher ukoll *"f'isem u ghan-nom ta' martu Mariella Azzopardi, kif debitament awtorizzat....."*. Mal-iskrittura ma jirrizultax li giet annessa prokura bil-miktub kif titlob il-ligi skond l-Artikolu 1322(6) u (7) tal-Kodici Civili fil-kaz ta' mizzewwgin. Il-principju hu li persuna ma twegibx ghall-agir ta' min ikun agixxa bhala mandatarju taghha meta fir-realta' ma jkunx inghata mandat. L-attur xehed li meta ffirma l-iskritturi tat-2 ta' Lulju 2004 dan kien *".... minghajr il-konsapevolezza ta' marti, Mariella Azzopardi, billi f'dak iz-zmien konna separati de facto u ghaddejjin b'diskussjonijiet li kellhom iwasslu ghas-separazzjoni*

*personali taghna."* (fol. 71). Madankollu meta wiehed mill-mizzewwgin jaghmel certu atti li jkunu jehtiegu l-kunsens taz-zewg konjugi, il-parti li ma tkunx tat il-kunsens tista' taghmel kawza sabiex jigi annullat l-att li tkun ghamlet il-parti l-ohra fit-terminu kontemplat mil-ligi (Artikolu 1326 tal-Kodici Civili). Jekk l-att li jsir m'huwiex wiehed minn dawk li jissemmew fl-Artikolu 1326(1) u jittratta dwar mobbli (l-obbligazzjoni hi mejqusa mil-ligi bhala mobbli – ara Artikolu 315 tal-Kodici Civili) allura ma jistax jintalab l-annullament fejn l-att ikun sar minghajr il-kunsens ta' wiehed mill-konjugi. Kif rajna fis-7 ta' Novemrbu 2007 Mariella Azzopardi giet notifikata bic-citazzjoni numru: 73/2005 li maghha kien hemm anness l-iskrittura privata tat-2 ta' Lulju 2004. **Fl-ahjar ipostezi** ghall-attrici hi kellha taghmel azzjoni ghall-annullament fi zmien tlett xhur min-notifika ta' att gudizzjarju, fil-kaz taghna r-rikors guramentat flimkien mal-iskritturi ffirmati minn zewgha. Peress li ghaddew iktar minn tlett xhur min-notifika (Artikolu 1326(3) tal-Kodici Civili) u ma jirrizultax li Mariella Azzopardi ghamlet kawza, illum jidher li ma tistax tikkontesta l-validita' tal-ftehim minhabba li l-att sar minghajr il-kunsens taghha. It-tlett (3) xhur huma perjodu ta' dekadenza. Dan ovvjament bla pregudizzju ghal kull dritt li jista' jkollha kontra zewgha u ghal dak li ser jinghad iktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

(c) Permezz tal-ewwel (1) u tielet (3) talba l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li l-kunsens fuq l-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2004 kien vizjat ghaliex ittiehed b'eghmil doluz u vjolenza, u ghaliex gie moghti bi zball fuq l-oggett. Fir-rigward tal-izball fuq l-oggett, fil-premessi tar-rikors guramentat jinghad li meta Azzopardi ffirma l-iskritturi fit-2 ta' Lulju 2004, *".... kellu* ***l-hsieb biss illi jittransigi dawk il-pendenzi ossija kwistjonijiet li kienu relatati biss mas-self maghmul minn zmien ghal zmien mill-konvenuti lill-istess Ronald Azzopardi****, u mhux ghal ragunijiet ohra li ma humiex marbutin mal-istess kawzali u li huwa fuq kollox foloz u fitizji."* (fol. 4). Konsegwentement, qeghdin jitolbu r-rexxissjoni tal-iskrittura. Diga' rajna li mill-konjugi Azzopardi kien biss Ronald Azzopardi li deher fuq l-iskrittura. L-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili jipprovdi li azzjoni ghar-rexxissjoni ta'

obbligazzjoni minhabba zball, vjolenza, u eghmil doluz taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn. Irrispettivament jekk it-terminu huwiex perjodu ta' dekadenza jew preskrizzjoni, il-qorti m'ghandix dubju li skada meta tqies li:-

- L-iskrittura giet iffirmata fit-2 ta' Lulju 2004.
- Il-kawza giet prezentata fil-11 ta' Gunju 2009. Skond l-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni tista' tigi ezercitata.
- F'kawza ohra bin-numru 73/2005 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-26 ta' Ottubru 2006 Ronald Azzopardi kien ipprezenta affidavit u ta rendikont tal-flus li skond hu kienu ssellfu minghand il-konjugi Bonello. Ma dan l-affidavit ta wkoll rendikont ta' flus li kien qieghed jippretendi Bonello[3]. Fic-cirkostanzi l-qorti ma tistax taqbel ma' dak li jsostni Azzopardi li kien biss wara s-seduta tas-7 ta' Marzu 2008 li kellu stampa cara dwar is-somma ta' Lm220,000, ghaliex kien diga' jaf x'kien dovut lill-konjugi Bonello skond il-kalkoli li ghamel hu. Ghalhekk jekk kien hemm xi raguni li kienet tati lok sabiex jitlob li l-ftehim li ffirma fit-2 ta' Lulju 2004 jigi rexxiss minhabba li l-kunsens tieghu kien vizjat minhabba zball jew qerq, dan zgur li ma sarx jaf bih wara s-seduta tas-7 ta' Marzu 2008. Il-kawza odjerna giet prezentata fil-11 ta' Gunju 2009, meta d-dritt tal-azzjoni kien diga' waqa' bil-preskrizzjoni (Artikolu 1222 u 1223). Dan qieghed jinghad bla pregudizzju ghal konsiderazzjoni l-ohra li Ronald Azzopardi kien xehed fl-atti tar-rikors (numru 20/2004) li permezz tieghu talab ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru 121/2004, fis-seduta tat-2 ta' Lulju, u kkonferma ghal tlett darbiet li l-ammont dovut kien ta' Lm220,000. Mistoqsi kemm kien l-ammont dovut, wiegeb: *"**Kif hdimtha**, massimu, massimu ta' two hundred and twenty thousand."* (enfazi tal-qorti). Kliem li jista' jfisser biss li kien diga' ghamel il-kalkoli tieghu ta' x'kien dovut.
- Il-fatt li l-kawza 73/2005 kienet u ghadha pendenti, ma kienx jaghti lok ghal xi sospensjoni ta' preskrizzjoni dwar kawzali li ma kienux il-meritu kawza. L-ewwel kawza ma kenitx bazata fuq il-kawzali ta' vizzju tal-kunsens minhabba zball, qerq, vjolenza u zbalji fil-kalkoli.

---

[3] Ara Dok. X a fol. 62 tal-kawza 73/2005.

- Ghalkemm fis-sentenza li nghatat fit-3 ta’ Marzu 2009 jinghad: *“Dan qieghed jinghad in kwantu f’din il-kawza l-attur m’huwiex jimpunjua l-validita tal-iskrittura minhabba vizzju tal-kunsens jew fuq xi kawzali ohra.”*, b’daqshek il-qorti ma kenitx qeghda tirrizerva xi drittijiet lill-konjugi Azzopardi.
- Il-fatt li f’kawza attur ikun ghamel dikjarazzjoni li qieghed jirrizerva *“kull azzjoni ohra spettanti lill-istanti”*, ma jfissirx li b’daqshekk ikun qieghed jaghti lok sabiex il-preskrizzjoni tigi sospiza sakemm tinghata sentenza li ssir gudikat.
- Ghalkemm l-Artikolu 1729 jipprovdi li transazzjoni ghandha *“.... is-setgha ta’ sentenza li ghaddiet f’gudikat”*, b’dan il-provvediment il-qorti tifhem li kif fil-kaz ta’ sentenza li ghaddiet f’gudikat tista’ tinghata l-eccezzjoni ta’ *exceptio rei iudicatae,* hekk ukoll kontra min ma jridx jirrikonoxxi l-effikacja ta’ transazzjoni, tista’ tinghata, l’*exceptio litis per transactionem finitae*. Dan ovvjament fejn ikun jikkonkorru l-element tal-*eadem causa*, *eadem res*, u *eadem personam*. Il-qorti tikkonkludi li minkejja dak li jiddisponi l-Artikolu 1729, l-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili xorta japplika gialadarba l-ligi fl-Artikolu 1730 taghti l-opportunita’ li tintalab ir-rexxissjoni ta’ transazzjoni minhabba zball, eghmil doluz, u vjolenza. Fis-Sub Titolu li jirregola t-transazzjoni m’hemmx provvediment li jipprovdi li l-azzjoni ta’ rexxissjoni skond l-Artikolu 1730 tal-Kodici Civili, taqa’ bi preskrizzjoni ohra. L-Artikolu 1222 hu provvediment generali li japplika ghall-kuntratti. Wara kollox transazzjoni hi kuntratt li bih il-partijiet jaghtu tmiem ghal kawza li tkun inbdiet jew jevitaw kawza li tkun ser issir. L-azzjoni ghar-rexxissjoni ta’ kuntratt minhabba zball, eghmil doluz u vjolenza ma taqax bil-preskrizzjoni eghluq sentejn biss fejn ***“....il-ligi f’xi kaz partikolari ma tistabilixxix zmien aqsar....”*** (Artikolu 1222).

(d) Permezz tal-hames (5) talba l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li l-iskrittura hi milquta minn **zball dwar il-persuna *“... billi ma huwiex minnu illi l-attrici Mariella Azzopardi tat il-kunsens taghha ossija awtorizzat lill-attur Ronald Azzopardi sabiex jaghti tali kunsens fuq l-istess skritturi ta’ transazzjoni.”***. Konsegwentement qeghdin jitolbu r-rexxissjoni tal-ftehim

tat-2 ta' Lulju 2004 skond l-Artikolu 1730 tal-Kodici Civili li jaghti l-possibilta' ta' rexxissjoni meta jkun hemm zball dwar il-persuna (talba numru 6). Fl-ewwel lok il-qorti ma tifhimx kif il-fatt li persuna tallega li ma tatx il-kunsens ghall-kuntratt jew ma awtorizzatx persuna biex jidher ghan-nom taghha fuq kuntratt, jista' jikkwalifika bhala zball tal-persuna li jivvizja l-kunsens. Hu minnu li l-kunsens jista' jkun vizjat minhabba zball. Pero' sabiex kunsens ikun vizjat, il-kunsens irid ikun inghata u jkun vizjat ghal xi raguni li tikkontempla l-ligi. Ghalhekk meta persuna ma tkunx tat il-kunsens, kif tallega l-attrici, ma jkunx kaz ta' vizzju tal-kunsens. L-izball fil-persuna jista' jivizja l-kunsens ".... *meta l-ghazla ta' dik il-persuna tkun il-kawza ewlenija ta' dak il-ftehim."* (Artikolu 976 tal-Kodici Civili). Dan it-tip ta' zball normalment insibuh fid-dritt familjari, partikolarment fil-kaz ta' zwieg. Ma jfissirx li m'huwiex rilevanti wkoll f'negozju ta' natura patrimonjali. Dawn l-ezempji jistghu jghinu ahjar biex wiehed jifhem dan il-kuncett: *"in alcuni di questi contratti (mandato, opera) e' essenziale l'identita della persona; in altri puo' essere rilevante l'errore anche sulla sola qualita'. Se per es. lo do mandato a Caio credendolo erroneamente Tizio, oppure faccio un contratto di societa' con Caio credendolo un facoltoso finanziere, o nomino mio procuratore Sempronio, ingannandomi nell'uno e nell'altro caso sul soggetto o sulle qualita' essenziali, si capisce come sia fondata l'azione di annullamento per l'errore determinante che ha viziato la volonta'; mntre di regola non sarebbe, se io avessi venduto un bene a Caio credendolo Martino."* (*Istituzioni di Diritto Civile*, A. Trabucchi (Cedam, 1981) pagna 163). Irrispettivament minn din l-osservazzjoni, il-qorti diga' kellha l-opportunita' li tikkonkludi li b'applikazzjoni tal-Artikolu 1326(3) tal-Kodici Civili Mariella Azzopardi tilfet id-dritt li titlob l-annullament tal-att li ghamel zewgha fuq il-kawzali li l-att ma sarx bil-kunsens taghha. Dan minkejja l-fatt li f'dan il-kuntest it-talba tal-atturi hi limitata ghal talba ghar-rexxissjoni minhabba li sar zball dwar il-persuna. Il-qorti hi marbuta bit-talba kif tkun giet formulata fic-citazzjoni mill-atturi.

(e) Permezz tas-sebgha (7) talba l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li l-iskritturi tat-2 ta' Lulju 2004 saru

*“..... wkoll fuq pretensjonijiet tal-konvenuti konjugi Bonnello illi huma foloz u li ma kellhom ebda jedd fuqhom fil-konfront tal-atturi.”*. Ghall-qorti din it-talba mhi xejn ghajr ripetizzjoni tat-talba li permezz taghha qeghdin jitolbu li l-kunsens kien vizjat minhabba l-eghmil doluz tal-konjugi Bonello. Tant hu hekk li fil-premessi tar-rikors guramenta l-atturi ppremettew li l-eghmil doluz u vjolenza li giet ezercitata fuq l-attur, wasslu ghal sitwazzjoni biex ma jsirux konteggi sew tal-ammonti dovuti lill-konjugi Bonello. Ghalhekk ghandu japplika l-istess argument dwar il-preskrizzjoni skond l-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili.

(f) Permezz tad-disgha (9) talba l-atturi qeghdin jitolbu li jekk ma jigux milqugha l-ewwel tmien (8) talbiet, il-qorti ghandha tghaddi sabiex tillikwida l-ammont li hu realment dovut wara li jsiru d-debiti tiswijiet ta’ zbalji li saru fil-kalkolu ghall-ammont iddikjarat fl-iskritturi tat-2 ta’ Lulju 2004. Talba li qeghdin jibbazaw fuq l-Artikolu 1735 tal-Kodici Civili li jipprovdi:- *“Kull wahda mill-partijiet ghandha jedd li titlob li jigi msewwi zball ta’ kalkolu li sar fit-transazzjoni.”*. Fis-sentenza tat-3 ta’ Marzu 2009 il-qorti qalet li bl-iskrittura tat-2 ta’ Lulju 2004 il-partijiet kienu taw lok ghal transazzjoni. Din kienet it-tezi tal-konjugi Bonello[4]. Jidher ukoll li l-konjugi Azzopardi qeghdin jaccettaw din il-konkluzjoni, tant li bbazaw din il-kawza fuq il-provvedimenti *“Fuq it-Transazzjoni”* (Artikoli 1718-1736 tal-Kodici Civili). Fir-rikors guramentat l-atturi ddikjaraw li qabel il-firma tal-kuntratt tat-2 ta’ Lulju 2004 ma kienux saru il-kakoli kif suppost tal-ammont dovut lill-konvenuti, u dan mehud in konsiderazzjoni li hemm ammonti li thallsu minn Azzopardi akkont tad-debitu u imghax u li ma gewx inkluzi, u ammonti li gew inkluzi bhala parti mid-debitu li ma kienu qatt dovuti. Taht il-ligi taghna zball ta’ kalkolu ma jatix lok ghar-rexxissjoni ta’ kuntratt izda biss ghal rettifika. Fil-fehma tal-qorti dan il-provvediment japplika biss fir-rigward ta’ dawk l-izbalji li jittiehdu minn dawk kollha li jkunu parti ghal dak il-ftehim, u jkun zball aritmetiku. Dan il-provvediment hu eccezzjoni ghar-regola generali li transazzjoni ghandha “.... *s-setgha ta’ sentenza*

---

[4] Ara nota ta’ sottomissjonijiet a fol. 393 tal-kawza 73/2005 li pprezentaw il-konjugi Bonello.

*li ghaddiet f'gudikat."*. Fil-kaz ta' sentenzi hu wkoll moghti lill-kull parti l-jedd li titlob li ssir korrezzjoni ta' zball ta' kalkolu (Artikolu 825 tal-Kap. 12). Dan ir-rimedju m'ghandux jaghti lok ghal xi ri-ezami tal-meritu. Wiehed irid jiftakar li l-ghan ta' transazzjoni hu proprju sabiex jitnehha stat ta' incertezza u jigu evitati kwistjonijiet legali. Ghalhekk m'humiex rilevanti l-accertamenti li jsiru wara. Certament li m'ghandux ikun li jerrghu jinfethu kwistjonijiet li dwarhom tkun sehhet transazzjoni. Bil-mod kif l-atturi qeghdin jinterpretaw l-Artikolu 1735, qeghdin jerrghu jipprova jifthu l-kwistjoni berah. Dan ir-ragunament li qeghda taghmel il-qorti jista' wkoll jigi applikat fir-rigward tas-seba' talba tar-rikors guramentat, jekk wiehed ma jaqbilx ma' dak li nghad f'paragrafu (f).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija**:

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.**

**2. Tiddikjara li l-atturi m'ghandhomx interess guridiku in kwantu l-kawza tirreferi ghall-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2004 li permezz taghha Ronald Azzopardi obbliga ruhu li jhallas lil Francis Bonello s-somma ta' hamsa u sittin elf lira Maltija (Lm65,000). Ghaldaqstant, tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu l-kawza tirreferi ghal din l-iskrittura.**

**3. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Bonello in kwantu din tirreferi ghall-ewwel, tieni, tielet, raba', seba' u tmien talba tal-atturi, u ghalhekk tichad dawn it-talbiet.**

**4. Tilqa' r-raba' eccezzjoni in kwantu din tirreferi ghall-hames talba tal-atturi, u ghalhekk tichad din it-talba u s-sitt talba.**

**5. Tilqa' t-tmien eccezzjoni u tichad id-disa' talba.**

**Spejjez a karigu tal-atturi b’dan li l-ispejjez relatati mal-ewwel eccezzjoni jkunu a karigu tal-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------